

# Patri Karmelitan li għamel ġieħ lill-Provinċja 1871-1943

*Patri Hermann Duncan O.Carm*



Fit-2 ta' Frar 2017, ġewwa l-knisja tal-Karmnu fl-Imdina, beda l-proċess djoċesan tal-Beatifikazzjoni u Kanonizzazzjoni ta' Patri Avertan Fenech, Karmelitan.

Lwiġi Fenech twieled il-Mosta nhar l-10 ta' Lulju 1871 minn Duminku u ommu Marija mwielda Attard. L-għada tat-twelid, ġie mgħammed fil-Knisja Parrokkjali tal-Mosta u ngħata l-isem ta' Lwiġi għall-San Lwiġi Conzaga. Il-ġenituri tiegħu dejjem fittxew li jħarsuh mill-ħażen u jmexxuh fit-triq it-tajba. L-ewwel kliem li tgħallem mid-dar kienu Ġesù u Marija. Il-ġenituri tiegħu kienu meqjusa fi kliemhom u kienu jgħixu fis-sempliċità u fil-għaqal.

Ta' seba' snin beda jmur l-iskola tal-gvern. Meta kiber iktar, il-ġenituri bagħtuh għand saċerdot li kien jgħix in-Naxxar biex jgħallmu l-Latin u t-Taljan. Dan is-saċerdot kompla jsaħħaħ il-vokazzjoni ta' Lwiġi.

Wara sentejn jew tlieta, mar ikellem lil Patri Lwiġi Malfatti, Pirjol Provinċjali tal-Karmelitani biex idaħħlu fl-Ordni Karmelitan. Huwa daħal fl-Ordni tagħna nhar is-6 ta' Frar 1888 fil-kunvent tal-Belt; fejn hemmhekk beda n-novizzjat. Huwa ngħata l-isem ta' Avertan kif kienet l-użanza ta' dak iż-żmien. Nhar is-27 ta' Frar 1889, fl-Oratorju tal-Madonna tal-Karmnu l-Belt, għamel il-professjoni sempliċi f'idejn il-Pirjol Provinċjali. Wara beda l-istudji tiegħu tal-filosofija u t-teoloġija. Għamel il-professjoni solenni f'għeluq it-tliet snin tal-ewwel waħda, nhar is-27 ta'Frar 1892, f'idejn il-Vigarju Provinċjali fil-kappella tan-novizzjat li tinsab fil-kunvent tal-Karmnu l-Belt.

Nhar il-5 ta' Lulju 1896, l-Isqof ta' Għawdex Ġiovanni Camilleri OSA, ordnah saċerdot fil-kappella tal-Palazz tal-Isqof t'Għawdex. Ftit jiem wara għamel l-ewwel quddiesa solenni fis-Santwarju Bażilka tal-Karmnu l-Belt.

L-ewwel snin tas-saċerdozju għaddiehom fil-kunvent tal-Balluta, fejn kien iqarar ħafna; kienu bosta li kienu jfittxuh, kemm għal dan is-sagrament kif ukoll għall-pariri u direzzjoni spiritwali. Kien meqjus bħala bniedem ta' talb u dejjem kien iżomm il-Mulej quddiem għajnejh. Min kien jarah miexi fit-triq, dejjem kien jintlaqat mis-serjetà u l-ġabra ta' dan il-patri eżemplari u ta' virtù.

Fl-1896, kien magħżul biex ikun prefett tal-

istudenti fil-kunvent tal-Balluta u aktar tard ġie magħżul bħala viċi surmast. Ħutu l-istudenti kienu dejjem jaraw fih xempju ta' Spiritwalità Karmelitana. Aktar tard huwa ġie mibgħut fil-kunvent tal-Imdina fejn sar ukoll surmast tan-Novizzi. Barra minn surmast tan-Novizzi, Patri Avertan kien kunsillier provinċjali u viċi pirjol tal-kunvent tal-Imdina, kif ukoll segretarju tal-Provinċjal.



*Patri Avertan M. Fenech*

F'Mejju tal-1919, ġie magħżul biex flimkien mal-Pirjol Provinċjali jmur Ruma għall-Kapitlu Ġenerali. Hemmhekk huwa ħalla impressjoni fuq il-Kapitulari għall-qdusija li kienet tidher fi mġiebtu, fi kliemu u f'persuntu. L-istess Pirjol Ġenerali tal-Ordni, Patri Elija Magennis, baqa' mistagħġeb bl-umiltà ta' dan il-Patri, u l-Provinċjal tal-Karmelitani fl-Istati Uniti talbu jibgħatlu bil-miktub x'inhu l-ispirtu awtentiku tal-Karmelu u kif jista' jagħmel biex dan l-ispirtu jiġi preservat mir-reliġjużi. Barra l-uffiċċji provinċjali li qeda b'metikolożità u sens ta' dover, huwa kien imfittex għall-qrar u d-direzzjoni spiritwali. Ħalla bil-miktub kitbiet ta' spiritwalità sempliċi u profondi. F'Mejju tal-1923, sar il-Kapitlu Provinċjali fejn ġie magħżul bħala Provinċjal Patri Ġwann Azzopardi. Ftit wara dan il-kapitlu, Patri Avertan intlaqat minn attakk ta' puplesija li ħallieh invalidu għal 11-il sena u nofs. Hu kien jaċċetta kollox minn idejn Alla. Il-konfessur tiegħu, id-Dumnikan P. Parnis, stqarr li f'ħajtu dan qatt ma dineb serjament jew gravement!

Huwa miet fl-1 ta' Novembru 1943 waqt li kien magħqud dejjem mar-rieda t'Alla. L-Arċisqof Gonzi mexxa l-eżumazzjoni tal-fdalijiet tiegħu fl-1968. Hemm ħafna xi tgħid dwar dan il-patri, li dejjem kien xempju ta' ħajja kontemplattiva "moħbi flimkien ma' Kristu f'Alla". Iċ-ċella tiegħu u l-fdalijiet tiegħu jinsabu fil-kunvent tal-Imdina li wieħed għadu jista jżurhom. Ilum dawk li kellhom ix-xorti jkunu jafuh jgħidulek, "dak kien patri qaddis".



*Il-kamra li fiha għex u miet P. A. Fenech fil-kunvent tal-Imdina*

Jalla jkollna reliġjużi bħal P. Avertan, li f'din id-dinja mqallba jgħallmuna u jfakkruna fil-prijorità ta' Alla f'ħajjitna, kif ukoll dik ir-rassenjazzjoni waqt it-tiġrib u l-mard tagħna.